

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**tat-23 ta' April 2009****dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2007**

(2009/664/KE)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2007 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali definittivi tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2007, flimkien mat-tweġibiet tal-Kulleġġ ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 (5588/2009 – C6-0060/2009),
 - wara li kkunsidra t-Trattat KE, u b'mod partikulari l-Artikolu 276 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/JHA tal-20 ta' Settembru 2005 li tistabilixxi l-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL) u li tħassar id-Deċiżjoni 2000/820/JHA ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 16 tagħha,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi msemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽⁵⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 71 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0160/2009),
1. Jinnota li l-kontijiet annwali definittivi tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija huma kif annessi mar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri;
 2. Japprova l-għeluq tal-kontijiet annwali tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija għas-sena finanzjarja 2007;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-Deċiżjoni lid-Direttur tal-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u sabiex jiżgura li tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

Il-President
Hans-Gert PÖTTERING

Is-Segretarju Ġenerali
Klaus WELLE

(1) ĠU C 278, 31.10.2008, p. 51.

(2) ĠU C 311, 5.12.2008, p. 136.

(3) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

(4) ĠU L 256, 1.10.2005, p. 63.

(5) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.